**<u>MINUTI TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV GĦAL MARSALFORN</u> Nru. 32/2012**
***Kienet addottata Aġenda nru. 27/2012***

**Iltaqa' fil-Bini tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ**

**Data: It-Tnejn, 16 ta' Lulju 2012**

**Ħin: Fil-5.30 ta' filgħaxija**

**Preżenti għall-laqgħa:-**

- **Is-Sinjura Maria Saliba – Chairperson**
- **Is-Sur Emmanuel Debono – Viċi Chairperson**
- **Is-Sur Victor Refalo – Membru**
- **Is-Sur George Sacco – Membru**
- **Is-Sur Joseph Zammit – Membru**
- **Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba – *Ex Officio***
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva.**

Ippresjediet il-laqgħa ċ-Chairperson is-Sinjura Maria Saliba.

## 1. <u>TALBA</u>

Intqalet talba miċ-Chairperson u ngħata bidu għall-laqgħa.

## 2. <u>APPROVAZZJONI TAL-MINUTI LAQGĦAT BIN-NRU. 30/2012 U 31/2012</u>

Billi l-minuti tal-laqgħat bin-nru. 30/2012 u 31/2012 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

Iċ-Chairperson talbet għal xi korrezzjonijiet li setgħa kien hemm għall-minuti.

Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

Iċ-Chairperson talbet għall-approvazzjoni tal-minuti kif ippreżentata u staqsiet għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu.

Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

## 3. PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI LAQGĦAT BIN-NRU. 30/2012 U 31/2012

Ma tqajjmux punti mill-minuti.

Il-Kunsillier Refalo qal il-pulizija li jkun stazzjonat Marsalforn, għandu joħroġ jimxi fit-toroq u mhux jibqa' fil-bini tal-għassa. Il-Viċi Chairperson qal fl-antik ġewwa Marsalforn, kien ikun hemm surġent u żewġ pulizija.

Iċ-Chairperson issospendiet l-aġenda biex indirizzaw lill-Kumitat Francis Attard *street hawker* li jarma fi Triq il-Wied u rappreżentanti tal-Malta Tourism Authority.

Il-Kumitat iddeċieda li jitlob lill-Kumitat Konġunt tal-LES biex jipprovdi bis-servizzi ta' *green warden* fil-ħin bejn nofsillejl u s-sagħtejn ta' filgħodu.

## 4. KORRISPONDENZA

Sar il-qari ta' din il-korrispondenza:

Ittra mibgħuta minn J Hili fejn ilmenta dwar it-tindif (illivellar) tal-wied, it-tqegħid tal-*bring-in site* u n-nuqqas ta' dawl fl-inħawi tal-wied. Dwar it-tindif tal-wied, is-Segretarja Eżekuttiva għandha tgħaddi dan l-ilment lit-Taqsima tal-Beaches.

Komunikat mibgħut minn Transport Malta dwar talba li għandhom biex isir *communal loading & unloading bay* fil-bidu ta' Triq Sta Marija. Il-Kumitat ma jarax il-bżonn għal dan l-ispazju.

Il-Kunsillier Refalo rtira mill-Kamra tal-laqgħat.

Ittra ta' approvazzjoni mibgħuta minn Transport Malta dwar is-sinjali tat-traffiku u l-marki ta' mal-art li hemm bżonn isiru fi Pjazza San Pawl u t-toroq tal-madwar. Is-Segretarja Eżekuttiva se tieħu ħsieb tikkordina mat-Taqsima tat-Toroq biex isiru dawn is-sinjali.

Ittra ta' E Scicluna dwar *parking bay* faċċata tal-garaxx tiegħu fi Triq id-Duluri. Il-Viċi Chairperson ippropona u l-Kumitat qabel li jgħaddi l-komunikat ta' Scicluna lil Transport Malta biex tara jekk din il-*bay* hiex legali.

Ittra mibgħuta mill-Pulizija dwar l-attivita' annwali li ssir mill-Pulizija f' Marsalforn.

| **Applikazzjonijiet għall-permess tal-Kunsill Lokali** | **Deċiżjonijiet meħuda mill-Kumitat Amministrattiv** |
|---|---|
| (i) Where's Everybody<br>Għal attivita'<br>nhar l-4 ta' Awwissu 2012 f' Marsalforn. | Approvata. |
| (ii) Network Publications<br>Għal *obesity road show*<br>nhar l-10 ta' Awwissu 2012 f' Marsalforn. | Approvata. |
| (iii) Gary Dayle<br>Biex jagħmel *live music* quddiem<br>The Glass Box Bar<br>f' Misraħ M' Anġ Refalo nhar il-21 u t-28<br>ta' Lulju u t-3, l-24 u l-31 ta' Awwissu<br>2012. | Approvata. |
| (iv) Oratorju Don Bosco<br>Attivita' marbuta mal-Car Free Day<br>nhar is-16 ta' Settembru 2012 fi Triq il-Port. | Approvata. |

Ma kienx hemm qbil mal-proposta tal-Viċi Sindku biex fl-okkażjoni tal-Car Free Day, parti minn Triq Sta Marija tingħalaq għat-traffiku u fiha jsiru attivitajiet varji. Intqal li Triq Sta Marija hi triq distributorja.

Is-Sur Zammit irtira mill-Kamra tal-laqgħat.

## 5. MIŻURI TA' TISBIEĦ ĠEWWA MARSALFORN

Il-Kumitat approva dawn ix-xogħlijiet:

- titnaqqas il-ħamrija minn ġos-*soft area* ta' wara Smiley's Snack Bar; jagħmel ix-xogħol Richard Axiaq.
- trasferiment tat-tabella 'area reserved for boats' (titwaħħal b' tali mod li tkun aktar viżibbli).
- isiru *railings* quddiem l-*area reserved for boats*; isiru mill-ħaddiema tal-*beaches*.
- isiru toqob fit-triq għall-*barriers* maġenb Ritz Bar; jagħmel ix-xogħol ta' Gam Gam Servs.

Iċ-Chairperson qalet li kienet tħalliet torba fil-*car park* minn ta' Three Hills Garden.

Is-Segretarja Eżekuttiva se titkellem mat-Taqsima tal-Beaches dwar il-proposta tas-Sur Sacco li jsiru tip ta' rixtelli biex jingħalqu t-toroq għat-traffiku.

## 6. DEVOLUZZJONI TA' KMAMAR

Saret diskussjoni dwar tlett *boathouses* li mhux qed jintużaw il-ġewwa mill-Pierre's Restaurant. Il-Viċi Chairperson qal dawn il-*boathouses* nistgħu nitolbu għad-devoluzzjoni tagħhom. Is-Segretarja Eżekuttiva għandha tressaq fil-laqgħa tal-Kumitat li jmiss il-formola tal-applikazzjoni li tkun trid issir mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

## 7. IL-BINI TAL-GĦASSA TAL-PULIZIJA

Kien maqbul li ssir *full application* għal permess mal-Awtorita' dwar l-Ambjent u l-Ippjanar skont il-pjanta li kien għamel il-Perit Scerri.

## 8. ILMENTI U SUĠĠERIMENTI

KAM 23/2012 – Concetta Custo
Issir it-tiswija tal-bankina ta' quddiem ir-residenza San Gejtano fi Triq Sta Marija. Il-Kumitat approva t-tiswija tal-bankina; jagħmel ix-xogħol Joseph Cefai.

KAM 25/2012 – Roanna Refalo
Isir *single/double line* faċċata ta' Tal-Mija Crt sa Marija Flts fi Triq Barda. It-talba kienet rifjutata.

KAM 26-28/2012 – Pace, Bondin u Micallef
Ilmentaw dwar il-*lamp-posts* ta' quddiem il-propjeta' tagħhom fi Triq il-Port. Iċ-Chairperson qalet naraw jekk jistax jinbidel l-angolu tax-*shade*.

KAM 29/2012 – is-Sur George Sacco
Ilmenti u proposti tas-Sur Sacco:

- (i) dwal mitfija fil-Menqa.
- (ii) il-*one-way* proposta għal Triq il-Qbajjar.
- (iii) tabelli tat-traffiku mimlija sadid.
- (iv) l-arloġġ tat-terminus wieqaf. Is-Segretarja Eżekuttiva ser tgħaddi l-ilment lil Transport Malta.
- (v) plakkek bl-ismijiet tat-toroq nieqsa.
- (vi) trasferiment tal-*bring-in site* li hemm fi Triq il-Wied u jitpoġġew f' sit fil-bidu tal-wied.
- (vii) *slipway* għall-anzjani.
- (viii) Malta Tourism Authority ikollha uffiċċju tal-*customer care* għat-turisti.

## 9. MATERJA OĦRA

Il-Kumitat qabel:

- jinġabru l-i*skips on wheels* kollha li kien fadal Marsalforn.
- nikkordinaw mas-Supritendent tal-Pulizija biex isir it-trasferiment tal-karrijiet mill-Menqa għal ġo sit fil-*car park*.
- Issir tarġa wara l-gabbana tal-*promenade* tal-Qbajjar.

Il-Kumitat approva xogħol ta' konkos maġenb il-*break water* ta' Sta Marija; jagħmel ix-xogħol Francois Saliba għall-prezz ta' €535.

Is-Sindku rrimarka li ma jaqbilx li jintalbu stejjem lil individwi partikulari. Qal għandhom isiru sejħiet pubbliċi għall-kwotazzjonijiet jew offerti.

## 10. AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa ntemmet fid-9.00 ta' filgħaxija u l-Kumitat Amministrattiv aġġorna *sine die.*

**Maria Saliba**
***Chairperson***

**Diane Tagliaferro**
***Segretarja Eżekuttiva***